

1.3.5.

STATUT TAL-"PREMJU SAKHAROV GĦAL-LIBERTÀ TA' L-ISPIRTU"
DEĊIŻJONI TAL-KONFERENZA TAL-PRESIDENTI
TAL-15 TA' MEJJU 2003 ¹

Il-Konferenza tal-presidenti,

- wara li kkunsidrat ir-riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-13 ta' Diċembru 1985 li twaqqaf l-premju Sakharov għal-Libertà ta' l-Ispirtu ;
- wara li kkunsidrat il-proposta tal-Kumitat għall-Affarijiet Barranin, għad-Drittijiet tal-Bniedem u għas-Sigurtà Komuni u l-Politika tad-Difiża;
- wara li kkunsidrat l-Artikolu 24 (4) tar-Regoli ta' Proċedura;

IDDEĊIDIET

Artikolu 1

Kull sena, il-Parlament Ewropew jagħti l-"Premju Sakharov għal-Libertà ta' l-Ispirtu".

Artikolu 2

Dan il-premju huwa mgħoti għal ħidma partikolari fi ħdan wieħed mill-oqsma li ġejjin:

- il-ħarsien tad-drittijiet tal-bniedem u tal-libertajiet fundamentali, b'mod partikolari tad-dritt tal-libertà,
- il-protezzjoni tad-drittijiet tal-minoranzi,
- ir-rispett tal-liġi internazzjonali,
- l-iżvilupp tad-demokrazija u l-implimentazzjoni ta' l-istat tad-dritt.

"Ħidma" tfisser kull kompożizzjoni intelletwali jew artistika, jew involviment jew azzjoni mwettqa fi ħdan l-oqsma msemmija hawn fuq.

Artikolu 3

L-ammont tal-premju huwa ta' 50.000 €.

Il-Parlament Ewropew għandu d-dritt li jippubblika xogħol ippremjat.

¹ Mibdula mill-Konferenza tal-Presidenti ta' l-14 ta' Ġunju 2006

Artikolu 4

Il-premju jista' jingħata kemm lil persuni naturali, kif ukoll lil assoċjazzjonijiet jew lil organizzazzjonijiet, indipendentament jekk għandhomx personalità ġuridika.

In-nazzjonalità u l-post ta' residenza jew is-sede tal-kandidati ma jaffettwawx l-għoti tal-premju.

Artikolu 5

Jekk jiġi ppreżentat xogħol bil-miktub b'appoġġ għal applikazzjoni, din għandha tiġi fformulata f'waħda mil-lingwi uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea.

Ħidma skond it-tifsira ta' l-Artikolu 2 għandha tkun ċertifikata u verifikabbli.

Artikolu 6

Applikazzjoni għandha tiġi appoġġjata minn għallinqas 40² Membru jew minn grupp politiku tal-Parlament Ewropew. Il-Membri individwali ma jistgħux jappoġġjaw aktar minn kandidatura waħda. Kull proposta għandha tiġi firmata u motivata.

Artikolu 7

L-applikazzjonijiet li jilħqu l-kriterji mniżżlin hawn fuq jiġu evalwati waqt laqgħa konġunta tal-Kumitat għall-Affarijiet Barranin u l-Kumitat għall-Iżvilupp. Wara l-evalwazzjoni ż-żewġ kumitati flimkien jipproċedu b'votazzjoni indikattiva li tirriżulta f'lista ta' tliet kandidati f'ordni alfabetiku, u li minnhom, il-Konferenza tal-Presidenti tagħżel ir-rebbieħ.

Artikolu 8

Il-President tal-Parlament jagħti l-premju f'ċerimonja li ssir waqt sessjoni plenarja tal-Parlament.

Artikolu 9

Il-proċeduri għall-għoti tal-premju huma rregolati minn dispożizzjonijiet interni ta' implimentazzjoni, stabbiliti mill-Kumitat għall-Affarijiet Barranin, u li jiġu kkomunikati, jekk mitluba, lil kull kandidat.

Artikolu 10

L-għażla tal-persuna ppremjata ma tistax tiġi appellata.

² Iċ-ċifra ġiet adattata fid-dawl tad-dħul tal-Bulgarija u tar-Rumanija fl-Unjoni Ewropea

Anness I : kalendarju indikattiv għall-għoti tal-premju Sakharov
Anness II : lista ta' persuni ppremjati bil-premju Sakharov

**GĦOTI TAL-PREMJU SAKHAROV
SKEDA INDIKATTIVA**

Lulju	Tiġi ċirkolata sejħa għan-nominazzjoni ta' kandidati lill-Membri tal-Parlament Ewropew
Settembru	Data ta' għeluq tan-nominazzjoni ta' kandidati.
Settembru	Il-Kumitat għall-Affarijiet Barranin u l-Kumitat għall-Iżvilupp flimkien <ul style="list-style-type: none">• jevalwaw in-nomini u• jgħamlu votazzjoni indikattiva sabiex tinħoloq lista ta' tlitt ismijiet f'ordni alfabetika li imbagħad tintbagħat lill-Konferenza tal-Presidenti
Ottubru	Deċizzjoni mill-Konferenza tal-Presidenti dwar rebbieħ wieħed
Diċembru	Ċerimonja uffiċjali ta' l-għoti tal-premju fis-seduta plenarja (Strasburgu)

PERSUNI PPREMJATI BIL-PREMJU SAKHAROV

- 1988 - Nelson MANDELA
Anatoli MARCHENKO (premju postumu)
- 1989 - Alexandre DUBČEK
- 1990 - Aung SAN SUU KYI
- 1991 - Adem DEMAÇI
- 1992 - LAS MADRES DE LA PLAZA DE MAYO
- 1993 - OSLOBODJENJE
- 1994 - Talisma NASREEN
- 1995 - Leyla ZANA
- 1996 - WEI JINGSHENG
- 1997 - Salima GHEZALI
- 1998 - Ibrahim RUGOVA
- 1999 - Xanana GUSMÃO
- 2000 - ¡BASTA YA!
- 2001 - Izzat GHAZZAWI
Nurit PELED-ELHANAN
Dom Zacarias KAMWENHO
- 2002 - Oswaldo José PAYÁ SARDIÑAS
- 2003 - Kofi ANNAN (UNO)
- 2004 - Zhanna LITVINA (Assoċjazzjoni Belorussa tal-ġurnalisti)
- 2005 - DAMAS EN BLANCO
Hauwa IBRAHIM
REPORTERS SANS FRONTIERES
- 2006 - Alexander MILINKEVICH